**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 32/2008 SM**

**Joseph Bugeja**
**(I.D. Numru 239454)**

**vs.**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Jannar, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fit-30 ta' Gunju, 2004, ghall-habta tal-22.45, waqt li ma' haddiehor kien qed jaghmel xoghol ta' thaffir ghall-*pipe*

principali tal-ilma f'Hal Balzan fuq inkarigu tal-Korporazzjoni intimata, korra serjament f'riglejh il-leminija u qed ibaghti minn debilita` permanenti, (ara foll 4 u 5);

1.2. Illi rizultat tal-istess garrab *damnum emergens*, inkluzi spejjez ta' tobba u medicini;

1.3. Illi rizultat tal-istess garrab ukoll *lucrum cessans*, minhabba debilita` permanenti li sofra;

1.4. Illi ghal dawn tahti l-korporazzjoni intimata *stante* li naqset li tizgura s-sahha u s-sigurta` tar-rikorrenti waqt il-qadi ta' dmirijietu skont il-ligijiet minnu indikati, (ara foll 1 u 2);

1.5. Illi ghalhekk l-istess korporazzjoni intimata trid taghmel tajjeb ghad-danni minnu sofferti;

1.6. Illi kien ukoll kopert minn polza assikurattiva fuq incidenti personali, u *nonostante* dan, baqa` ma thallasx tal-beneficcji kollha li kien intitolat ghalihom;

1.7. Illi *nonostante* li interpellata biex taghmel tajjeb ghat-talbiet tar-rikorrenti, il-korporazzjoni baqghet inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-istess korporazzjoni intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.8.1. Tiddikjara lill-korporazzjoni intimata unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni subiti mir-rikorrenti;

1.8.2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, *occorrendo* bl-opra ta' periti *nominandi*;

1.8.3. Tikkundanna lill-korporazzjoni intimata biex thallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jigi hekk dikjarat;

1.8.4. Tiddikjara li l-korporazzjoni intimata m'effettwatx il-hlas tal-beneficcji li ghalihom ir-rikorrenti kellu

dritt skont il-polza tal-assikurazzjoni li biha kien kopert;

1.8.5. Tillikwida l-beneficcji li ghalihom ir-rikorrenti kellu dritt;

1.8.6. Tikkundanna lill-korporazzjoni intimata biex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat skont il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-polza assikurattiva *de quo*;

1.8.7. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-korporazzjoni intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-korporazzjoni intimata datata z-19 ta' Frar, 2008, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 10);

2.1. Illi preliminarjament dawn it-talbiet huma preskritti bi preskrizzjoni ta' sentejn, (2);

2.2. Illi fir-rigward tat-talba ghall-pagament ta' beneficcji, ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta` *Montaldo Insurance Agency Limited*;

2.3. Illi l-incident in dizamina sehh unikament tort tar-rikorrenti;

2.4. Illi d-dizabilita` allegata mhix relatata jew konsegwenzjali ghall-incident mertu tal-kaz odjern;

2.5. Salv risposti ulterjuri;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 t'April, 2008, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma' l-provi kollha limitatament dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-korporazzjoni intimata, (ara foll 14), sussegwentement estiz b'digriet tal-istess qorti datat it-12 ta' Marzu, 2009, biex l-istess assistent gudizzjarju tkompli tigbor il-provi kollha f'din il-kawza, (ara foll 58);

4.0. Rat is-sentenza parzjali ta' din il-qorti diversment preseduta datata t-12 ta' Marzu, 2009, (ara foll 60), li permezz taghha,

ghar-ragunijiet hemm premessi rrespingiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-korporazzjoni intimata rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara paragrafu numru tnejn punt wiehed, (2.1.), aktar qabel, u foll 10), u konsegwentement:

4.1. Iddikjarat li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex preskritti;

4.2. Ordnat il-prosegwiment tal-kawza, (ara foll 67);

5. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta' Mejju, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 192), hatret lill-espert mediku hemm indikat biex:

5.1. Jesplora jekk ir-rikorrenti hux isofri minn dizabilita` permanenti kagun tal-incident tat-30 ta' Gunju, 2004, in dizamina; u

5.2. Jekk fl-affermattiv, biex jiddikjara kemm hu l-persentagg tal-istess dizabilita`;

6. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 217);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata z-19 t'Ottubru, 2016, (ara foll 220), flimkien ma dik tal-Korporazzjoni intimata datata t-23 ta' Novembru, 2016, (ara foll 227), it-tnejn abbundantement tardivi izda debitament awtorizzati *ai termini* tad-digriet ta' din il-qorti fir-rigward datat iz-19 t'Ottubru, 2016, (ara foll 219);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti prodotti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti, flimkien max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

10. Ezaminat ir-relazzjoni peritali prodotta, (ara foll 206);

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

11.1. Illi r-rikorrenti kien ilu impjegat tal-korporazzjoni intimata ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) sena, (ara foll 71);

11.2. Illi l-istess rikorrenti kien impjegat ghal madwar ghoxrin (20) sena bhala *"heavy plant driver"* u kien isuq *"high-ups"*, trakkijiet, vannijiet u gafef, (ara foll 71);

11.3. Illi fl-2003, (madwar sena (1) qabel ma sehh l-incident in dizamina), l-impjegati kollha tal-Korporazzjoni intimata li kellhom l-istess kariga tar-rikorrenti ltaqghu mal-Ufficjal Ezekuttiv Ewlieni tal-istess korporazzjoni li infurmhom li x-xoghol ta' *"heavy plant driver"* ma kienx aktar mehtieg, (ara foll 71);

11.4. Illi konsegwenza tal-istess din il-kategorija ta' impjegati kienet infurmata li minn dakinhar 'l quddiem kellhom jaghmlu li jkun hemm bzonn senjatament, isuqu l-ingenji, jaghmlu xoghol ta' thaffir, u xoghol relatat mal-moghdija ta' servizzi, (ara foll 71), u jidher li nghataw it-titlu ta' *"multi skill fitter"*, (ara foll 72);

11.5. Illi kemm- il darba dawn il-haddiema ma kienux lesti jaghmlu dan ix-xoghol, il-korporazzjoni intimata ma kelliex xoghol alternattiv ghalihom, (ara foll 71);

11.6. Illi tul il-karriera lavorattiva tieghu r-rikorrenti kien biss hadem ta' xufier u xejn aktar, (ara foll 71);

11.7. Illi l-koporazzjoni qatt ma tat xi forma ta' tahrig ghal dan ix-xoghol gdid lir-rikorrenti qabel ma inkarigatu jaghmel dan ix-xoghol, (ara foll 72);

11.8. Illi fit-30 ta' Gunju, 2004, ir-rikorrenti nghata struzzjonijiet biex imur isewwi il-*main* hdejn il-knisja ta' Hal Balzan, (ara foll 72);

11.9. Illi flimkien mal-kollega tieghu r-rikorrenti beda jhaffer it-triq bil-fies skont it-turn ta' bejniethom, (ara foll 72);

11.10. Illi meta sabu l-*main* tal-ilma, cemplu lis-superjur taghhom biex jigi halli jaghlaq l-ilma biex ikunu jistghu jirrangaw il-hsara, (ara foll 73);

11.11. Illi waqt li r-rikorrenti kien qed ihaffer bl-imsemmi fies, dan qabad gebla, u kif ir-rikorrenti gholla l-fies biex ihaffer din il-gebla gholiet mall-fies u waqghet fuq irkuptejh tal-lemin, (ara foll 73);

11.12. Illi f'dak il-mument ir-rikorrenti kien liebes *"safety shoes"*, u *"safety boots"* kif ukoll gakketta li tixghel fid-dlam, (ara foll 73);

11.13. Illi r-rikorrenti jsostni li qabel ma intbaghat jaghmel dan it-tip ta' xoghol, qatt ma kellu esperjenza tax-xoghol li nghata, u l-korporazzjoni intimata qatt ma ippreparat lill-imsemmija kategorija, inkluz lill-istess rikorrenti, ghal dan ix-xoghol gdid li nghataw, (ara foll 71);

Ikkunsidrat:

12. Illi preliminarjament il-korporazzjoni intimata eccepiet il-preskrizzjoni biennali li effettivament kienet rigettata minn din il-qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha datata t-12 ta' Marzu, 2009, (ara foll 60);

Ikkunsidrat:

13. Illi min-naha taghha l-korporazzjoni intimata essenzjalment irrispondiet li l-incident in dizamina li ta' lok ghall-procedura odjerna sehh unikament tort u htija tar-rikorrenti, (ara foll 10 u 11);

Ikkunsidrat:

14. Illi meta sehh l-incident ir-rikorrenti kien qieghed jobdi l-istruzzjonijiet li nghata mis-superjur tieghu, (ara foll 72);

Ikkunsidrat:

15. Illi fir-rigward tal-mertu in dizamina, l-**artiklu 1033 tal-Kodici Civili** jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligienza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

16. Illi l-**artiklu 1032(1)** tal-istess Kap indikat qabel jistabbilixxi li:

> "Jitqies fi htija min ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja";

ghalkemm is-**subartiklu (2)** tal-istess jistabbilixxi li:

> "Hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi, ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar";

17. Illi finalment issir ukoll riferenza ghall-**artiklu 1031** tal-istess Kap li jistabbilixxi li:

> "... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

Ikkunsidrat:

18.0. Illi fir-rigward tal-qasam tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol jinghad sintetikament is-segwenti:

18.1. Illi fl-1 ta' Mejju, 2001, dahal fis-sehh l-Att XXVII tas-sena 2000 - illum **Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta**;

18.2. Illi bis-sahha tal-istess gie ppubblikat – fost diversi regolamenti ohra – l-*Avviz Legali 36 tal-2003* imsejha Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol li huma korp ta' regolamenti ta' certu importanza fil-qasam tax-xoghol *stante* li jittenta jikkodifika l-principji u d-dmirijiet generali li ghandhom jirregolaw dan il-qasam partikolari li fl-artiklu

4(1) tal-istess Kap 424 fuq indikat jiddiskrivi dan il-qasam partikolari bhala wiehed li ghandu jitqies li hu ta' materja ta' interess pubbliku;

Ikkunsidrat:

19. Illi fir-rigward tad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incidenti f'dan il-kamp specifiku tas-sahha u sigurta`, l-gurisprudenza lokali tispostja l-oneru fuq min ihaddem biex jara li l-impjegati tieghu ma jigrilhomx hsara fuq il-lant tax-xoghol;

20.0. Illi sintetikament jinghad is-segwenti:

20.1. Illi min ihaddem ghandu dejjem jizgura s-sahha u s-sigurta` tal-persuni li jhaddem, (ara artiklu 6(1) tal-Kap 424 *de quo*);

20.2. Illi ghandu wkoll jipprovdi ambjent li jzomm 'l boghod kull periklu billi jizgura sistema xierqa ta' harsien minn kull periklu u riskju, (ara artiklu 6(1)(e) tal-istess Kap 424);

20.3. Illi ghandu wkoll ir-responsabbilita` li jaghti kull taghrif mehtieg, taghlim, tahrig u supervizjoni biex tithares is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema, (ara artiklu 6(3) tal-istess Kap);

21. Illi hu pacifiku li ghalkemm sistema ta' xoghol tkun ilha tithaddem ghal tul ta' zmien minghajr incidenti, dan ma jfissirx li l-istess sistema tkun wahda sigura jew li tezonora lil min ihaddem mill-obbligi statutorji kristallizzati fl-imsemmi Kap 424;

22. Illi minkejja dan kollu, jinghad ukoll li r-responsabbilita` ta' min ihaddem ghal incident inkors minn impjegat mhux bilfors hi awtomatikament marbuta ma' min ihaddem *stante* li f'dan il-kamp ma tezistix dik ir-responsabbilita` msejsa fuq il-principju tal-hekk imsejha *"strict liability"* jew responsabbilita` oggettiva;

23. Illi in vista tal-premess jirrizulta wkoll li ghalkemm ir-responsabbilita` ta' min ihaddem tirrikjedi prudenza, ghaqal u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, kif indikat aktar qabel, din ma titlobx grad oghla ta' responsabbilita`, (ara paragrafu numru sittax, (16.), aktar qabel);

24. Illi in effetti tali responsabbilita` indirizzata fuq il-persuna li qed thaddem lis-sinistrat tista` sahansitra tigi kapovolta, u allura tkun akkollata fuq l-istess sinistrat, meta jirrizulta li jkun l-istess impjegat li jkun traskurat jew addirittura agixxa proprju kontra l-istruzzjonijiet li nghata fir-rigward, jew li ma hax il-prekawzjonijiet minnu dovuti, biex b'hekk ikun assodat li jkun l-istess impjegat li jkun gab l-effetti tal-incident fuq innifsu;

Ikkunsidrat:

25. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* ma jirrizultax li l-korporazzjoni intimata – bhala l-principal tar-rikorrenti – pprovdiet lir-rikorrenti dak it-tahrig rikjest statutorjament ghax-xoghol in dizamina, (ara foll 72);

26. Illi ghalhekk jirrizulta li ppekkat fir-rigward billi ma ppreparatx lir-rikorrenti biex fix-xoghol il-gdid li issa kienet assenjatlu jkun ppreparat ghall-perikli relatati mill-istess;

27. Illi *di piu`*, jinghad ukoll li r-rikorrenti ma nghata l-ebda ghazla ghaliex tqieghed f'posizzjoni li jew jibda jaghmel dan ix-xoghol gdid lilu assenjat, jew jispicca minghajr xoghol, (ara foll 71);

Ikkunsidrat:

28. Illi f'dan l-istadju ssir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Mario u Mary Doris konjugi Sammut vs. Joseph Camilleri***, datata d-***29 t'April, 2015***, li tirrileva s-segwenti:

> "Sfortunatament ghad hawn min ihaddem li ma jaghtix importanza lit-tahrig. Nuqqas li fih innifsu hu kontra l-ligi u hafna drabi jwassal ghall-incidenti li jistghu jigu evitati. Il-haddiema ghandhom id-dritt li jkunu jafu bil-perikli potenzjali li ghalihom jistghu jigu esposti fil-post tax-xoghol. Il-mod primarju kif jistghu jsiru jafu b'dawn il-perikli hu proprju bit-taghrif li ghandhom jinghataw sabiex jipprotegu s-sahha u s-sigurta` taghhom, fosthom bil-mod kif juzaw l-ghodda u makkinarju. Il-principal jista' jaghmel dan b'diversi modi, bhal li tinghata informazzjoni dwar il-perikli fix-xoghol li

jaghmlu, tahrig biex jahdem b'mod li jipprotegu s-sahha u s-sigurta` taghhom u tal-kollegi taghhom, kif ukoll b'supervizjoni maghmula minn persuni kompetenti";

29. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Simon Chetcuti vs. Alec Mizzi***, datata l-***20 ta' Gunju, 2002***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sostniet ukoll li:

> "Ghalkemm il-haddiem ghandu juri certa flessibilita` fix-xoghol tieghu dan ma jfissirx li ghandu jitqabbad jaghmel xoghol li mhux adattat ghalih. Mela sid iqabbad haddiem biex jaghmel xoghol li mhux dak normali tieghu, irid jara mhux biss li l-haddiem hu kapaci jaghmel dak ix-xoghol, izda jassigura li dak ix-xoghol ma jinvolvix *"pattern"* ta' hidma li l-haddiem mhux imdorri ghalih, ghax bidla radikali u f'daqqa fix-xoghol tal-haddiema jista jkollha konsegwenzi serji";

Ikkunsidrat:

30.0. Illi tenut kont tal-gurisprudenza fuq riferita jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi r-rikorrenti kien *"heavy plant driver"* senjatament, isuq *"high ups"*, trakkijiet, vannijiet u gafef mal-Korporazzjoni intimata, (ara foll 71);

30.2. Illi kien ilu hekk impjegat f'dan ix-xoghol partikolari ghal aktar minn ghoxrin (20) sena, (ara foll 71);

30.3. Illi ma kellu l-ebda gharfien, tahrig jew supervizjoni biex jaghmel ix-xoghol li kien qed jaghmel meta sehh l-incident in mertu, (ara foll 72);

30.4. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li r-rikorrenti ma kienx imdorri jaghmel dak ix-xoghol partikolari li kien impost fuqu meta korra;

30.5. Illi *di piu`*, l-istess korporazzjoni intimata jirrizulta li lanqas biss ipprovat tghallem lir-rikorrenti u tippreparah ghax-xoghol li assenjatlu;

30.6. Illi peress li r-rikorrenti qatt m'ghamel dan ix-xoghol partikolari li kien assenjat lilhu meta korra, jirrizulta pacifiku li lanqas kellu l-ebda esperjenza ta' dan l-istess xoghol;

Ikkunsidrat:

31. Illi ghalhekk jirrizulta debitament assodat li l-korporazzjoni intimata kienet negligenti meta inkarigat lir-rikorrenti jaghmel dan ix-xoghol partikolari minghajr ma ippreparatu ghalih skont kif statutorjament rikjest;

32. Illi konsegwentement dan l-agir tal-korporazzjoni intimata qatt ma jista' jitqies li hu agir kompatibbli ma dak li wiehed jippretendi minn *bonus paterfamilias*;

Ikkunsidrat:

33.0. Illi fir-rigward tad-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. Damnum Emergens**:

33.1. Illi minn ezami tal-ircevuti prodotti *in atti*, (ara foll 76 sa 82), jirrizulta li dawn jirrigwardaw pagamenti ghall-konsulti medici li r-rikorrenti kellu necessarjament jinkorri minhabba l-incident in dizamina;

33.2. Illi komplessivament dawn il-pagamenti jammontaw ghal erba' mija u erba' u ghoxrin euro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€424.25);

**B. Lucrum Cessans**:

33.3. Illi skont il-*Final Settlement System Paye Statement of Earnings*, komunement maghrufa bhala *FS3*, fl-2004 id-dhul tar-rikorrenti kien ta' erbatax- il elf, mitejn u seba' u

tmenin euro, u sitta u hamsin centezmu, (€14,287.56), (ara foll 86);

33.4. Illi bl-applikazzjoni tal-gholi tal-hajja u beneficcji ohra l-istess dhul ghas-sena fuq indikata qed jigi hawn ikkalkolat ghal sittax- il elf, tliet mija u ghaxar euro, (€16,310.00), (ara foll 86);

33.5. Illi skont l-espert mediku nominat bhala perit tekniku fil-kawza odjerna gie determinat li r-rikorrenti qed ibati minn dizabilita` permanenti f'irkuptejh (ara foll 73), ekwivalenti ghal erba' (4) fil-mija, (ara foll 210);

33.6. Illi fir-rigward tirrileva li m'ghandha xejn x'ticcensura u konsegwentement tiddikjara li qed taghmel taghha l-istess konkluzjoni peritali fuq riferita;

Ikkunsidrat:

34.0. Illi fir-rigward tal-***multiplier*** jigi sintetikament ribadit is-segwenti:

34.1. Illi kif ritenut mill-***Qorti tal-Appell*** fil-kaz fl-ismijiet ***Annunzjata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, datata s-***27 ta' Frar, 2004***:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi ikkalkolat minn meta tigi intavolata il-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ...";

34.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited***, deciza fit-***2 ta' Gunju, 2005***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** irriteniet li:

> "f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero` tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-

persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza";

Ikkunsidrat:

35.0. Illi ghall-fini tal-imsemmi analizi jirrizulta is-segwenti:

35.1. Illi meta sehh l-incident in dizamina ir-rikorrenti kellu hamsin (50) sena, (ara foll 1 u 75);

35.2. Illi in vista tal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro***, datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, il-multiplier in dizamina ghandu ghalhekk ikun ta' tlettax, (13);

35.3. Illi fir-rigward tat-tnaqqis tal-***lump sum payment*** fuq riferit jinghad is-segwenti:

35.3.1. Illi l-kawza odjerna giet intavolata fil-11 ta' Jannar, 2008, (ara foll 1);

35.3.2. Illi s-sentenza fir-rigward qed tinghata fit-28 ta' Frar, 2017, (ara foll 219);

35.3.3. Illi ghalhekk il-procedura odjerna ilha disa' (9) snin u ftit xhur;

35.3.4. Illi ghalhekk it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ghandu jkun ta' sitta (6) fil-mija;

Ikkunsidrat:

36. Illi ghalhekk l-ammont ta' danni komplessivi involuti ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

**€16,310.00 x 4% x 13 = €8,481.20 – (6% ta' €8,481.00 + €508.872) = €7,972.328 + €424.25 = €8,396.57**

Ikkunsidrat:

37. Illi jinghad finalment li fir-rigward tal-beneficcji li r-rikorrenti jallega li ma thallasx skont il-polza assikurattiva personali indikata, jinghad li ma ingiebet l-ebda prova fir-rigward u konsegwentement din it-talba tar-rikorrenti, inkluzi t-talbiet naxxenti minnha, ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

38.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova t-talbiet tieghu rigwardanti r-responsabbilita` ghall-akkadut, izda hi sodisfatta wkoll li l-istess rikorrenti ma ipprovax it-talbiet tieghu rigwardanti l-polza assikurattiva in dizamina, u konsegwentement;

**DECIDE:**

38.1. Tirrespingi r-risposti kollha intavolati mill-korporazzjoni intimata;

38.2. Tirrespingi r-raba', (4), il-hames, (5), u s-sitt, (6), talbiet tar-rikorrenti;

38.3. Takkolji l-ewwel,(1), talba tar-rikorrenti u tiddikjara ghalhekk li l-korporazzjoni intimata hi unikament responsabbli ghall-incident in dizamina li sehh fit-30 ta' Gunju, 2004, ghall-habta tal-22.45, f'Hal Balzan, li fih korra l-istess rikorrenti;

38.4. Takkolji t-tieni (2) talba tar-rikorrenti u ghalhekk tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' tmint elef tliet mija u sitta u disghin euro u seba' u hamsin centezmu, (€8,396.57);

38.5. Takkolji wkoll it-tielet (3) talba tar-rikorrenti u allura tikkundanna lill-korporazzjoni intimata biex thallas l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

38.6. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-korporazzjoni intimata – bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mit-12 ta' Lulju, 2007, data tal-ewwel ittra ufficjali indirizzata fil-konfront tal-korporazzjoni intimata, sad-data tal-pagament effettiv.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**